# Saint Francis School

*16, Mnajjar Street, B'Kara BKR 2163*

Tel No. 21442205

Fax No. 21489320


15 ta' Frar, 2011

Għeżież Ġenituri,

Bħalma tafu qegħdin naħdmu fuq il-Musical "Joseph and the Amazing Technicolour Coat" li se ssir fit- 30 ta' Marzu, 2011. Hemm involuti t-tfal li qegħdin fil-klassijiet tat-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt sena.

Musical huwa play bil-kant il-ħin kollu. Għalhekk biex żgur ikollna prodott tajjeb waqt il-Prize Day (tfal li jistgħu jkunu ma jifilħux), u biex nevitaw l-ispejjeż ta' kiri ta' microphones (għax hemm ħafna solisti jkantaw) iddeċidejna li nirrekordjaw il-kant kollu. Xorta dħalna fi spejjeż kbar, pero nemmnu li intom jixirqilkom produzzjoni tajba. B'hekk solvejna wkoll ħafna mill-problemi li t-tfal forsi ma jidħlux fil-ħin eċċ.

Qegħdin nissuġġerixxu li t-tfal solisti u l-kor jixtru din is-CD ħalli jkunu jistgħu jistudjaw sewwa l-parti tagħhom. Hija miftuħa għall-bejgħ għal kull min jixtieq, kemm bħala tifkira, iktar u iktar sabiex infendu ftit mill-ispejjeż tar-rekording. Din is-CD li tqum **€5 BISS**, fiha 23 track kollu rekording mit-tfal tal-iskola tagħna ġewwa studjo professjonali barra mill-iskola. Nista' nassigurakom li huwa xogħol tajjeb ħafna. Il-mużika ġiet irranġata u ppreparata minn Ms Veronique Degabriele Ferrante li bi paċenzja kbira tagħha u tal-familja ilha taħdem fuqha mill-bidu tas-sajf.

Nitolbukom tikko peraw magħna billi tixtru din is-CD għax b'hekk tkunu qegħdin tgħinu u fl-istess ħin għandkom rikordju sabiħ.

Grazzi,

Sr Giovannita Briffa

Kap tal-Iskola